Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Silvio Valletta)

vs

Brian Agius

Illum 19 ta' Settembru, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Brian Agius, iben Michael u Tessie xebba Agius, imwieled fit-2 ta' Settembru, 1978, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli nhar l-14 ta' Mejju, 1998 filghaxija f'Ta' Qali :

a) Ikkommetta serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAE 741, ta' ghamla Ford Cortina, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin, lok, ix-xorta tal-haga misruqa u valur (li ma jeccediex l-elf lira Maltin);

b) Ikkometta l-imsemmi reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, fil-perjodu operativ ta' sentenza sospiza, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta nhar it-22 ta' Jannar, 1998;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha illi gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi minkejja l-fatt illi l-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza sa mit-18 ta' Mejju, 1999 u sas-seduta tat-30 ta' Mejju, 2002 u jigifieri aktar minn tlett snin wara ghal xi raguni jew ohra id-difiza ma ressqitx il-provi u dana minkejja l-fatt illi l-Qorti kienet wissiet severament kemm lill-imputat kif ukoll lill-Avukat difensur tieghu illi ma kienitx bi hsiebha tippermetti aktar hela ta' zmien f'din il-kawza.

Illi ma kien hemm l-ebda raguni gustifikata il-ghaliex kellhom jghaddu aktar minn tlett snin u d-difiza ma tressaqx provi.

Illi ghaldaqstant il-Qorti ma ghandha l-ebda alternattiva hlief li tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi illi ghandha.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fl-14 ta' Mejju, 1998 dahal rapport l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat minn certu Darren Borg illi l-vettura tieghu tal-ghamla Cortina ta' lewn ahmar numru ta' registrazzjoni GAE 741 kienet nieqsa. Darren Borg irrapporta ili l-vettura tieghu kienet ipparkjata Ta' Qali u meta mar ghaliha wara l-loghba sabha nieqsa. Aktar tard dakinhar stess ghall-habta ta' nofs il-lejl Darren Borg rega' mar ma missieru l-ghassa tal-Hamrun fejn informa lill-pulizija illi kien lemah il-vettura tieghu Santa Venera hdejn il-kullegg ta' Umberto Colosso. Il-pulizija marru ma Darren Borg fil-post indikat u sabu persuna rieqda fil-vettura tieghu u din il-persuna kienet l-imputat fuq imsemmi. Skond l-Ispettur Silvio Valletta huwa kellem lill-imputat u l-imputat ammetta mieghu illi kien qieghed Ta' Qali jara l-loghba bejn il-Belt u B'Kara, kien wasslu l-imghallem tieghu hemm hekk

wara x-xoghol u wara l-loghba huwa kien ser jimxi lura lejn id-dar u lemah il-vettura imsemmija. L-imputat kompla jghid lill-Ispettur Valletta illi huwa beda jhossu hazin, dahal f'din il-vettura, saqha u meta wasal hdejn Umberto Colosso ipparkja il-vettura hemm hekk u raqad fiha. Fil-fatt giet esebita l-istqarrija tal-imputat illi qal lill-pulizija illi fid-data imsemmija fl-imputazzjoni huwa kien mar Ta' Qali jara l-loghba bejn il-Belt u B'Kara, kien wasslu hemm hekk l-imghallem u meta spiccat il-loghba huwa nizel 'l isfel. L-imputat stqarr mal-pulizija a fol. 21 tal-process illi l-ewwel kien niezel bil-mixi lejn it-triq tal-Mosta biex imur jaqbad tal-linja u hu u sejjer qabdu ugigh fil-parti privata tieghu, lemah vettura tal-ghamla Cortina ta' lewn ahmar u nizel biha sal-Hamrun. L-imputat kompla jghid illi ipparkja l-vettura fejn Lucio taht il-mini ta' Santa Venera, hassu stordut u raqad go din il-vettura. L-imputat ammetta li l-vettura ma kienitx tieghu u qal illi ma jafx ta' min kienet. Mistoqsi kif fetah il-vettura l-imputat qal illi l-vettura kienet miftuha. Mistoqsi kif startja l-vettura huwa qal illi sab cavetta illi kienet fil-vettura, jew fl-'ashtray', jew inkella fuq it-tapit u startja l-vettura b'din ic-cavetta. L-imputat kompla jistqarr mal-pulizija illi huwa ried jieqaf il-Hamrun bil-vettura ghaliex hassu stordut, pero' umbaghad dak il-hin stess qal illi ma kienx stordut imma kien ma jiflahx u waqaf il-Hamrun biex jorqod. Mostoqsi fejn kien sejjer b'din il-vettura huwa qal illi ma kien sejjer

imkien biha, ha l-karozza ghaliex hassu ma jiflahx u fil-fatt ma lahaqx wasal id-dar u ipparkja hdejn Lucio taht il-mini ta' Santa Venera. Mistoqsi ghalfejn ma talabx ghajnuna la darba hassu ma jiflahx l-imputat qal li ghax ma gietux f'rasu u mistoqsi , "Allura gietek f'rasek li tisraq il-karozza hux hekk?". L-imputat wiegeb, "Mhux bil-fors, biex ninzel biha lejn id-dar" a fol. 22 tal-process. Mostoqsi ghalfejn kien ha din il-vettura l-imputat ha li huwa karozzi qatt ma kien seraq u ghamel hekk ghaliex kien hassu mugugh. Huwa qal ukoll li ghandu karozza tieghu personali tal-ghamla Escort li skond hu dak iz-zmien kienet qeghda ghat-tiswija Hal-Qormi.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat fuq imsemmi ma xehedx f'dawn il-proceduri, pero' l-Qorti tinnota illi fl-istqarrija tieghu l-imptutat biddel il-verzjoni tieghu diversi drabi. L-ewwel qal illi kien miexi lejn it-Triq tal-Mosta biex imur jaqbad tal-linja u qabdu ugigh fil-parti privata tieghu, lemah il-vettura imsemmija u nizel biha sal-Hamrun, ipparkja, hassu stordut u raqad fiha. Ftit wara huwa qal illi huwa ried jieqaf il-Hamrun ghaliex hassu stordut. Immedjatament wara l-imputat qal, "Jien ma kontx stordut, jien kont ma niflahx. Jien waqaft il-Hamrun biex norqod" u ftit wara qal illi huwa ma kien sejjer imkien b'din

il-vettura, hadha ghaliex hassu ma jiflahx, ma lahaqx wasal id-dar, u ipparkja hdejn Lucio taht il-mini ta' Santa Venera. Ezattament wara huwa qal illi gieh f'rasu li jisraq din il-vettura biex jinzel biha lejn id-dar.

Ikkunsidrat :

Illi jirrizulta ampjament mill-istqarrija tal-imputat illi l-imputat kontinwament ibiddel il-verzjoni tieghu u b'hekk jirrizulta lill-Qorti illi l-imputat kien qieghed ihawwad u kien qieghed jigdeb meta irrilaxxja l-istqarrija lill-pulizija.

Illi xehed Darren Borg, sid il-vettura misruqa, u qal illi kien ma huh, kien irraporta illi kienet insterqitlu l-vettura tieghu u meta kien sejjer id-dar huwa ghadda minn Santa Venera u hemm hekk lemah il-vettura tieghu, waqaf u mar jaghmel rapport l-ghassa. L-pulizija marru mieghu u hareg mill-vettura tieghu l-imputat fuq imsemmi. Fil-fatt Darren gharaf lill-imputat fuq imsemmi fl-awla tal-Qorti bhala l-persuna li kienet fil-vettura tieghu. Darren wiegeb illi huwa kien sakkar il-vettura tieghu, pero' ma sabhiex sgassata, sabha miftuha. Darren Borg xehed ukoll illi huwa ma kienx halla ic-cavetta fil-vettura u li meta insterqet il-vettura c-cavetta tal-'ignition' tal-vettura kienet fuqu.

Illi xehed PS1431 Mario Demicoli u qal illi kien gie Darren Borg l-ghassa il-Hamrun fejn ghamel rapport illi kienu serqulu l-vettura tieghu u li kien lemah il-vettura tieghu fejn Umberto Colosso. Peress illi Mario Demicoli kellu xi xoghol iehor baghat sabiex jassisti lil Darren Borg lil PC1547 u lil PC632 u ftit wara dawn gew lura l-ghassa flimkien mal-imputat fuq imsemmi. PS1431 Mario Demicoli xehed ukoll illi meta staqsa lill-imputat x'kien gara, l-imputat kien wiegbu illi kien qieghed jixrob, ra vettura miftuha u dahal jistrieh fiha. Peress illi l-imputat ilmenta illi kellu xi ugigh, il-pulizija haduh l-isptar, l-isptar ma sabulu xejn u regghu baghtu lill-imputat lura l-ghassa tal-pulizija.

Illi xehed PC632 Michael Galdes illi qal illi fil-lejl ta' bejn l-14 u is-15 ta' Mejju 1998 wara nofs il-lejl il-Pulizija kienu ircevew rapport li kienet instabet vettura misruqa u mar fuq il-post huwa u l-kollega tieghu PC1547. Waqfu, xeghelu l-beacon lights u f'hin minnhom raw lill-imputat fuq imsemmi hiereg mill-vettura. Ix-xhud kompla jghid illi sid il-vettura telaq jigri wara l-imputat, l-imputat inqabad u ittiehed l-ghassa tal-pulizija.

Illi xehed PC1547 John Debattista u qal illi fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Mejju 1998 ghall-habta ta' nofsilejl gie certu Darren Borg u missieru l-ghassa jirrappurtaw illi l-vettura

taghhom kienet insterqet minn Ta' Qali u kienu raw din il-vettura ipparkjata quddiem Umberto Colosso High Road Santa Venera, ipparkjata quddiem l-iskola. Kien ghalhekk illi PC1547 mar mal-kollega tieghu fuq il-post flimkien ukoll ma sid il-vettura u kif ix-xhud resaq bil-vettura tas-servizz lejn din l-vettura ra lill-imputat fuq imsemmi hiereg minn din il-vettura u jigri lejn il-pompa tal-petrol ta' Santa Venera. Darren Borg u missieru wkoll bdew jigru wara l-imputat u fil-fatt l-imputat inqabad u ittiehed l-ghassa. L-imputat beda jilmenta minn xi ugigh, gie tabib u fil-fatt gie iccertifikat illi l-imputat ma kellu xejn u ghalhekk intbaghat l-ghassa tal-pulizija ghall-aktar investigazzjoni.

Illi l-Qorti hatret lil Mariella Camilleri sabiex taghmel pre-sentencing inquiry report dwar l-imputat fuq imsemmi. Illi dan ir-rapport fil-fatt jinsab esebit f'dawn l-atti u l-Qorti sejra taghmel referenza ghall-verzjoni li ta lil Mariella Camilleri l-imputat fuq imsemmi, liema verzjoni tinsab a fol. 47 tal-process. F'dan l-istadju l-imputat qal lil Mariella Camilleri illi fil-jum in kwistjoni huwa kien mar jara loghba football Ta' Qali. Wara l-loghba kien miexi lejn tal-linja biex imur id-dar. Hemm hekk kellu xi jghid ma xi guvintur ohrajn u sabiex jevitahom telaq jigri, beda jhoss ugigh kbir, lemah vettura Cortina ta' lewn ahmar u peress illi kien jaf li dawn il-vetturi facli jinfethu iddecieda li jmur f'din il-vettura biex jahrab

minn dawk li kien qed jigru warajh u jasal id-dar. Pero' x'hin wasal Santa Venera hassu stordut, ipparkja l-vettura u raqad fiha. L-imputat qal lil Mariella Camilleri illi huwa qabad u fetah il-vettura u startjaha b'cavetta li kien hemm fil-karozza stess. Huwa mar il-Hamrun, dejjem peress illi skond hu kienu qeghdin isegwuh xi guvintur u ma felahx jigri peress illi hassu mugugh. Il-Qorti tinnota illi din il-verzjoni tal-imputat hija differenti minn dik illi ta lill-pulizija fl-istqarrija tieghu peress fl-ebda hin ma semma li kienu qeghdin jigru warajh xi guvintur u dan ikompli jikkonferma il-fehma tal-Qorti illi l-imputat mhuwiex kredibbli u kull darba li jigi mistoqsi x'gara ibiddel il-verzjoni tieghu.

Illi l-Ufficjal Prosekutur esebixxa sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Brian Agius tat-22 ta' Jannar, 1998 u tressqet ukoll il-prova tal-identita ta' din is-sentenza.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-imputat fuq imsemmi fil-jum, hin u lok kif imsemmi fl-imputazzjoni seraq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAE 741 tal-ghamla Ford Escort minn Ta' Qali u saq biha sa fejn umbaghad sabuh il-pulizija. Illi fil-fatt kif diga intqal irrizulta mill-provi illi meta l-

pulizija waslu lejn fejn l-imputat kien ipparkja l-vettura, l-imputat hareg jigri minn din il-vettura u kellhom jigru warajh il-pulizija kif ukoll id-derubat sakemm finalment qabduh.

Illi l-imputat ta diversi verzjonijiet, gieli jghid illi kien stordut, umbaghad jghid illi kien ma jiflahx, pero' li hu minnu hu illi l-imputat fil-fatt seraq il-vettura. Effetivament id-derubat xehed illi huwa kien sakkar il-vettura tieghu u illi kien ha c-cavetta minn din il-vettura.

Illi irrizulta mill-provi illi l-imputat deherlu li seta' jiehu din il-vettura tal-ghamla Cortina peress li dawn il-vetturi facilment jinfethu. Ghalhekk huwa irnexxielu jiftah il-vettura minghajr ma jkisser il-'lock', irnexxielu wkoll jistartjaha u saqha sa Santa Venera fejn sabuh il-pulizija flimkien mad-derubat.

Illi gie ippruvat l-aggravju tal-mezz, tal-hin, tal-lok u tax-xorta tal-haga misruqa. Pero' ma giex ippruvat l-aggravju tal-valur u dana peress illi ma tressqet l-ebda prova li l-vettura in kwistjoni kienet taqbez fil-valur il-mitt lira imma ma teccediex l-elf lira.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt illi issib lill-imputat fuq imsemmi hati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta sejra tilliberah mill-aggravju tal-valur.

Illi una volta giet ippruvata l-ewwel imputazzjoni tirrizulta wkoll it-tieni imputazzjoni u cioe' illi l-imputat ikkommetta dan ir-reat, ghal liema reat hemm piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza. Fil-fatt giet prodotta s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-22 ta' Jannar, 1998 u tressqet ukoll il-prova tal-identita ta' din is-sentenza.

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din is-sentenza fuq citata l-Qorti diversament preseduta kienet spjegat lill-imputat fuq imsemmi f'dawk il-proceduri illi l-imputat, peress illi kellu fedina penali refrattarja kien jisthoqlu li jigi punit bi prigunerija. Pero' l-Qorti kienet hadet in kunsiderazzjoni l-eta zghira tal-imputat u kienet wissietu severament dwar il-konsegwenzi serji ghalih f'kaz li kien ser jippersegwita din il-hajja refrattarja u ghal din il-fini l-Qorti ma kienitx hadet in kunsiderazzjoni il-recidiva tal-imputat u l-fatt illi l-imputat kien kiser ordni ta' probation. Illi permezz ta' din is-sentenza l-imputat kien gie ikkundannat ghall-prigunerija ta' tmintax il-xahar, liema prigunerija permezz tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 kienet giet sospiza ghall-perjodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza, jigifieri mit-22 ta' Jannar, 1998.

Illi nonostante dan kollu l-imputat fuq imsemmi ikkommetta r-reat in kwistjoni f'inqas minn erba' xhur wara illi kienet inghatatlu dik is-sentenza sospiza u ghalhekk huwa wera b'mod car illi ma riedx jibbenifika minn din l-opportunita tad-deheb li kienet tatu il-Qorti, imma ried jippersisti bil-kommissjoni ta' reati.

Illi l-Qorti tara illi ghalhekk dana mhuwiex xi kaz fejn l-imputat jisthoqlu xi klemenza.

Illi l-imputat fuq imsemmi jidher illi haseb li seta' jaghmel dak illi jrid, jikkommetti reati kemm irid, umbaghad jigi l-Qorti u jew jinghata xi ordni ta' 'probation' jew inkella jinghata xi sentenza sospiza. Il-Qorti tara pero' illi wasal iz-zmien illi l-imputat fuq imsemmi jitghallem illi ma jistax ikompli jidhak bil-gustizzja u illi irid ihallas lura lis-socjeta' ta' dak illi ghamel.

Ghalhekk u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija u wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 261(b) (e) (f) u (g), 263, 264, 265, 269, 270, 271, 278, 281, 28A, 28B, 20 u 31 tal-Kap. 9 tiddikjara lill-imputat fuq imsemmi hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu b'dana pero' illi ghar-rigward l-ewwel imputazzjoni l-imputat qieghed jigi liberat mill-aggravu tal-valur ghar-rigward tas-serq imsemmi.

Il-Qorti tordna illi l-imsemmija sentenza tat-22 ta' Jannar, 1998 ghandha tigi fis-sehh u inoltre l-Qorti tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi misjub hati kif diga' intqal ghall-prigunerija ta' sentejn.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur